MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT

## JOANNE VELLA CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2015

Rikors Ta Revoka Numru. 354/2015/1

**Ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex)**

**Vs**

**Northern Leisure Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fejn s-socjeta' Northern Leisure Limited ppremettiet:-

Illi dan ir-rikors qed isir ai termini tal-artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi permezz ta' ittra ufficjali s-socjeta' rikorrenti giet notifikata b'dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess ittra ufficjali entro liema r-Registratur tal-Qrati u Tribunali t'Ghawdex ikkonferma bil-gurament li l-Qrati u Tribunali t'Ghawdex huma kredituri tas-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' erbat elef seba' mija sitta u tmenin Ewro u wiehed u disghin centezmu tal-Ewro (€4,786.91) rapprezentanti bilanc dovut bhala dritt tar-registru in konnessjoni mal-kawza numru 110/1998 fl-ismijiet **Northern Leisure Limited vs Dr. Michael Caruana et nomine** deciza fit-tlieta (3) t' April tas-sena elfejn u tnax (2012);

Illi s-socjeta' rikorrenti ma taqbilx mal-hlas mitlub ghar-ragunijiet li jsegwu.

Illi fl-ewwel lok jigi rrilevat illi s-socjeta' rikorrenti appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti hekk kif jidher mid-dokument anness, liema appell ghadu ma giex appuntat. Illi fir-rikors tal-appell tas-socjeta' rikorrenti, hija talbet illi l-ispejjez taz-zewg istanzi, liema spejjez jinkludu d-dritt dovut lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali, ikunu a karigu tal-appellati. Dan ifisser li f'kaz li l-appell tas-socjeta' rikorrenti jigi milqugh id-dritt mitlub mis-socjeta' rikorrenti ser ikun dovut mill-appellati u mhux mill-istess socjeta' rikorrenti. Kwindi f'kaz li l-istess socjeta' rikorrenti thallas tali dritt issa kif mitlub u l-appell minnha nterpost jigi milqugh, ser tinholoq anomalija stante illi ser ikun thallas dritt minn persuna/socjeta' illi sussegwentement giet dikjarata illi mhijiex debitrici ghall-istess ammont favur ir-registratur tal-Qorti. F'tali cirkostanzi l-ordni tal-Qorti tal-Appell ser ikun li l-appellati jhallsu l-ispejjez kollha u bl-ebda mod ma hi ser tordna li l-appellati jirrifondu lis-socjeta' rikorrenti l-hlas minnha effetwat lir-Registratur tal-Qrati, stante li l-appell tas-socjeta' rikorrenti ma fihx tali talba gjaladarba fiz-zmien tal-intavolar tal-appell

ma kienet tressqet ebda talba mir-Registratur favur is-socjeta' rikorrenti. Jekk dan isehh, is-socjeta' rikorrenti jkollha tidhol f'procedura ohra *ad hoc* sabiex tirkupra tali dritt mill-appellati.

Illi di piu', it-taxxa tal-Prim'Istanza, gjaladarba gie ntavolat appell, ma tistax tigi meqjusa bhala wahda finali u ghalhekk ma hijiex titolu ezekuttiv. Infatti wara li jigi deciz l-appell, ma tinharigx taxxa separata ghall-appell izda tinhareg taxxa ohra li tinkludi d-drittijiet u l-ispejjez taz-zewg istanzi. Ghalhekk sigurament dan ukoll jindika li t-talba tar-Registratur hija wahda prematura.

Illi b'kull dovut rispett is-socjeta' rikorrenti tirrileva illi t-talba tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali kienet tkun wahda ekwa u gustifikata kieku ma thallasx id-dritt dovut lill-istess Registratur wara illi inghatat sentenza definittiva mill-Qorti tal-Appell;

Inoltre l-istess socjeta rikorrenti tirrileva illi hija giet notifikata b'dikjarazzjoni guramentata ohra annessa ma ittra ufficjali fl-istess ismijiet bin-numru 325/2015 liema dikjarazzjoni kienet tirrigwarda pretensjoni jdentika ghal dik indikata fl-ittra ufficjali fl-atti ta' liema qed isir il-prezenti rikors. Illi s-socjeta' rikorrenti prezentat rikors ghall-ittra ufficjali bin-numru 325/2015, il-kontenut ta' liema huwa jdentiku ghal dan. Ghaldaqstant fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti jkun fl-interess ta' entrambi l-partijiet u kif ukoll ta' din l-Onorabbli Qorti illi r-rikors odjern kif ukoll dak ipprezentat in segwitu ghall-ittra ufficjali bin-numru 325/2015 jigu appuntati ghas-smiegh fl-istess data u hin;

Illi ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti u ghal dawk ir-ragunijiet li ser jingiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba

kontenuta fid-dikjarazzjoni guramentata surreferita bhala wahda nfondata.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.

Rat ir-risposta guramentata tar-Registratur, Qrati u Tribunali (Ghawdex) fejn esponiet:

Illi l-pretensjoni tar-rikorrent hija totalment infundata u dan ghar-raguni segwenti.

Illi l-artikolu 3(1) tat-Tariffa A tal-iskeda A tal-Kap.12 jiddisponi:

> B'zieda mad-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 2, mal-prezentata ta' xi petizzjoni, rikors jew xi att iehor tal-procedura li jkun fihom talba li biha tinbena procedura kontenzjuza f'Qorti ta' Prima Istanza u li titlob decizjoni minn Imhallef jew Magistrat, u meta d-dritt tar-registru jkun jista' jigi ntaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jigi stabbilit skont il-ligi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li gejjin: …

Illi mbaghad l-artiklu 4 ta' l-istess Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap 12 jiddisponi:

> 4(1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx cert jew likwidu, u ma jistghux jigu ntaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3, il-valur tat-talba jigi ntaxxat skont ir-regoli li gejjin: …

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bhala l-valur tal-kawza u dak il-valur hu cert jew ghandu jigi determinat skont il-ligi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu oghla mill-ammont imhallas bhala drittijiet tar-registru, ir-Registratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun ghamlet il-kawza;

U effettivament dak li gara fil-kaz odjern wara s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali tat-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tnax (2012) kawza numru 110/1998 fl-ismijiet "Northern Leisure Limited vs Dr Michael Caruana et noe". Il-kawza *de quo* giet ipprezentata *da liquidarsi* u minghajr l-ebda ammont iddikjarat da parti ta' l-atturi bhala dovut. Ghaldaqstant, id-dritt tar-registru kellu jigi aggustat ai termini tal-artiklu 4(3) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap.12 u l-attur intalab ihallas id-differenza bl-ittra ufficjali odjerna.

Illi l-esponenti ghal kull buon fini jixtieq jirrileva illi l-ammont ta' erbat elef, seba' mija, sitta u tmenin euro u wiehed u disghin centezmi (€4,786.91) gie ntaxxat bhala dovut mill-atturi a bazi tad-danni reklamati mill-istess socjeta' attrici illi Stephen Desira ghall-istess socjeta' kkwantifika fl-affidavit tieghu a fol. 44 fl-ammont ta' €224,137 u wara illi l-esponenti kkomputa l-valur tat-terminu tal-kera mhux skadut sal-prezentata tal-att promotur fl-ammont ta' €97,227.06.

Illi konsegwentement, fit-taxxa rilaxxata mill-esponenti fl-10 ta' April 2012, il-bilanc dovut bhala dritt tar-registru gie kkomputat fl-ammont ta' €4,786.91 minkejja illi kien thallas l-ammont ta' €121.36 imhallas mal-prezentata tal-att promotur.

Illi tajjeb illi wiehed ighid ukoll illi a bazi tal-ammont hekk intaxxat wara li tinghata s-sentenza in prim'istanza illi jinhadem id-dritt ta' l-appell u anke' l-malleverija (ara sub-artikolu 3(5) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap 12) u ghaldaqstant, huwa essenzjali illi l-esponenti jwettaq l-ezercizzju kkontemplat fis-sub-artikolu 4(3) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12.

Illi inoltre t-taxxa in kwistjoni hija titolu ezekuttiv a bazi tas-sub-artikolu 253(c) sakemm dina ma tigix attakkata skont il-ligi.

Taxxi ta' drittijiet u spejjez gudizzjarji, mahruga favur tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali, ta' avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit iehor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux gew attakati skont il-ligi;

Illi dina t-taxxa ma gietx attakkata ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap. 12 u ghaldaqstant, illum hija definittiva.

Illi l-asserzjoni tas-socjeta' rikorrenti illi jekk il-Qorti tal-Appell tordna lill-appellat Caruana jhallas l-ispejjez, ser tinholoq anomalija hija ghal kollox bla bazi. F'tali eventwalita', is-socjeta' rikorrenti jkollha d-dritt illi tirkupra l-ispejjez gudizzjarji kollha nkluz id-dritt tar-registru mitlub minghand il-konvenut.

Illi inoltre ma jaghmilx sens illi ssir distinzjoni bejn id-dritt tar-registru mhallas mal-prezentata u dak illi jirrizulta dovut wara s-sentenza tal-prim'istanza kif intqal qabel. Si tratta mill-istess dritt tar-registru u l-esponenti jaf lis-socjeta' rikorrenti illi beda l-proceduri de quo ghall-hlas ta' l-istess bla pregudizzju ghal kwalunkwe rifuzjoni da parti tal-konvenuti jekk il-Qorti tal-Appell hekk tiddeciedi.

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta' rikorrenti hija totalment infondata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda tas-Sur Anthony Mizzi.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tat-3 ta' Lulju, 2015;

Rat illi fl-istess seduta r-rikors gie differit ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat l-atti kollha ta' dan il-process kif ukoll tar-rikors numru 325/2015 deciz llum stess ai termini tal-verbal datat 3 ta' Lulju, 2015.

**Ikkunsidrat**

Illi mhux kontestat bejn il-partijiet l-ezistenza tal-kawza bin-numru 110/1998 fl-ismijiet Northern Leisure Limited va. Caruana u li din giet deciza nhar it-3 ta' April, 2012;

Illi mhux kontestat ukoll li din id-decizjoni giet appellata u ghadha pendenti fi stadju ta' appell;

Illi fil-verbal tat-3 ta' Lulju, 2015 id-difensur tas-Socjeta' rikorrenti ghamilha cara li l-valur tat-taxxa ma kienx il-punt in kontestazzjoni f'dawn il-proceduri izda l-punt in kontetazzjoni huwa t-talba prematura tar-Registratur ghall-hlasijiet tad-dritt tar-Registru li saret ai termini tal-

ittra ufficcjali bin-numru 354/2015 kopja taghha esebita fl-atti a fol. 15 tal-process.

Jirrizulta in oltre mill-atti tar-rikors bin-numru 325/2015 illi ittra ufficcjali jdentika giet notifikata lis-Socjeta' rikorrenti precedentment ghal dik odjerna u li taghmel referenza ghall-istess pretensjoni tar-Registratur intimat. Dan ma giex kontestat mill-istess Registratur. Jirrizulta li l-ewwel ittra ufficcjali notifikata lis-Socjeta' rikorrenti bin-numru 325/2015 kienet tindika bil-miktub ammont dovut ta' erbat elef, seba' mija u sitta u tmenin ewro u wiehed u disghin centezmu ghalkemm meta miktub numerikament l-ammont ma jaqbilx. Il-Qorti tinnota izda li fid-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr. Mary Debono Borg annessa mal-istess ittra ufficcjali l-ammont indikat huwa dak ta erbat elef, seba' mija u sitta u tmenin ewro u wiehed u disghin centezmu (€4786.91) kemm fil-kliem kif ukoll bin-numri. Ghalhekk ghalkemm evidentement hemm zball fin-numri fl-ittra ufficcjali l-Qorti tqis li l-ammont fil-fatt dovut skont l-istess ittra kien car ghal min ircieva l-ittra ufficcjali u cioe' dak ta' €4786.91 tant illi dan il-punt ma tqajjimx mir-rikorrenti fir-rikors bin-numru 325/2015 u lanqas fir-rikors odjern. Waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern id-difensur tar-Registratur intimat informa l-Qorti li r-raguni ghall-intavolar tat-tieni ittra ufficcjali kien appuntu dan l-izball fl-ammont indikat numerikament fl-ewwel ittra.

Illi dwar l-argument tas-Socjeta' rikorrenti li s-somma ma tistax titqies bhala dovuta abbazi li skont l-istess Socjeta' rikorrenti l-kliem 'sentenza finali' uzati fl-artikoli 4 (3), 9 (2) u 11 (2) tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta jfissru li sentenza tal-prim'istanza li tkun giet appellata ma hiex sentenza finali, din il-Qorti gia ddecidiet dan il-punt fid-decizjoni tal-lum stess fl-atti tar-rikors 325/2015 kif isegwi:

*'Illi da parti tieghu r-Registratur intimat sostna fis-sottomissjonijiet tieghu li ghandha ssir distinzjoni bejn sentenza li hija 'res judicata'u 'sentenza finali'.*

*Ibbaza l-argument tal-intimat li l-ammont dovut lir-registru jsir ezekuttiv fil-mument li tinghata s-sentenza fil-prim'istanza abbazi tal-fatt li f'dak l-istadju anki jehtieg li tinhadem it-taxxa biex tkun tista' tigi kalkolata l-malliverija sabiex din tkun tista' tithallas u l-appell ikun jista' jiprosegwi.*

*Il-Qorti filwaqt li fehmet l-argument tar-rikorrenti li xi ftit jew wisq prima facie ma jaghmilx sens li jintalab il-hlas tad-dritt dovut lir-Registru qabel ma jinqata' l-appell mill-istess sentenza, anki ghaliex jista' jkun hemm sitwazzjoni fejn decizjoni fl-appell tkun differenti minn dik tal-Prim'Istanza, f'liema kaz dak li jkun gia hallas jista' jsib ruhu li jrid jitlob lura l-flus imhallsa minnu, wara li qieset sew kemm gurisprudenza kif ukoll dak li jinghad fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizultalha li l-agrument tar-rikorrenti li sentenza fil-prim'istanza mihiex kunsidrata bhala wahda finali mhux argument legalment korrett.*

*Illi ghall-fini ta' interpretazzjoni tal-kelma finali fil-kuntest ukoll ta' appell, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***'Kurunell Stephen Borg vs. AIC Gustavo Romeo Vincenti*** *(Appell, deciza 10 ta' Marzu, 1952) inghad kif isegwi:*

*'Biex jinghata permess bid-dritt ghall-appell lill-Maesta' Taghha r-Regina fil-Kunsill Privat hemm bzonn, fost affarijiet ohrajn, li s-sentenza li kontra taghha jrid isir l-appell tkun finali u definittiva.'*

*Il-Qorti qed taghmel referenza ghal din id-decizjoni stante li minnha johrog car li l-fatt li sentenza tkun kunsidrata bhala wahda finali, dan ma jfissirx li neccessarjament ifisser li ma jkunx jista' jsir appell minnha u lanqas li jekk gie ntavolat appell minnha allura mihiex sentenza finali.*

*Illi in oltre minn referenza ghall-artikoli varji tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-fatt jirrizulta li sentenzi tal-Prim'Istanza huma ghal diversi drabi msejjha*

*bhala sentenza finali u dan anki f'kuntest li jista' jsir appell minnhom kif isegwi:*

*- l-artikolu 173 (1) f'parti minnu jghid kif isegwi:*

*'Appell minn dawk l-ordnijiet jew direttivi, meta dawn huma appellabbli, jista' jsir biss wara s-sentenza finali u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawk l-ordnijiet jew direttivi ma jistghux jigu kkontestati qabel ma tinghata s-sentenza finali.'*

*- l-artikolu 231 (1) jaqra kif isegwi:*

*'(1) Jekk diversi kwistjonijiet f'kawza jinqatghu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull wahda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiz-zmien li jmiss li jibda jghodd mill-jum meta tinghata l-ahhar sentenza; u f'dak l-appell ghandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell;'*

*Minn dak suespost huwa evidenti li l-Kap. 12 juza l-kliem 'sentenza finali' fil-kuntest ta' sentenzi moghtija mill-prim'istanza u li jistghu jkunu anki suggett jew pendenti l-appell. Neccessarjament din il-Qorti ma tistax taghti interpetazzjoni differenti lill-kliem 'sentenza finali' uzati fit-tariffa A tal-istess Kap. 12 kif qed tipretendi s-socjeta' rikorrenti.*

*L-artikolu 4 (3) tat-Tariffa A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li ai termini tieghu ex admissis ir-Registratur intimat hadem it-taxxa li l-hlas taghha qed jigi mpunjat f'dan ir-rikors jaqra kif isegwi:*

*'Minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bhala l-valur tal-kawza, u dak il-valur hu cert jew ghandu jigi determinat skont il-ligi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu oghla mill-ammont imhallas bhala drittijiet tar-registru, ir-Registratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun ghamlet il-kawza; u jekk fi tmiem il-proceduri l-valur jibqa' ma jigix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skond il-minimu mizjuda b'erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), salv id-dritt tar-registratur li johrog taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-kaz.'*

*Kif gia espost aktar 'il fuq il-kliem 'sentenza finali' fil-kuntest tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa wzat b'referenza ghal sentenzi tal-prim'istanza minghajr ebda distinzjoni dwar jekk dawn gewx appellati jew le u ghaldaqstant din il-Qorti tista' biss tasal ghall-konkluzjoni wahda u cioe' li r-Registratur intimat kellu kull dritt li jitlob ghall-hlas tad-dritt kif kalkolat skont is-sub-artikolu msemmi anki pendenti l-appell. Mill-istess sub-artikolu johrog ukoll li fi kwalunkwe kaz kemm jekk il-kawza tintrebah jew tintilef id-dritt tar-Registru li jithallas huwa 'mill-parti li tkun ghamlet il-kawza' kif inhu l-kaz odjern salv u mpregudikat id-dritt tal-irkupru tas-somma mill-parti l-ohra jekk din tal-ahhar tohrog telliefa fl-ispejjez'.*

Ghalhekk konsegwentement ghas-suespost cahdet it-talba fl-atti tar-rikors numru 325/2015 sabiex tiddikjara t-talba kontenuta fid-dikjarazzjoni guramentata tar-Registratur intimat bhala nfondata abbazi li mhux legalment gjustifikata.

Izda f'dawn l-atti s-Socjeta' rikorrenti qajmet ukoll il-punt tal-ezistenza tal-ittra ufficcjali precedenti bin-numru 325/2015 u li tikkoncerna l-istess ammont dovut mir-rikorrenti lir-Registratur intimat. Kif gia nghad aktar 'il fuq dik l-ittra ufficcjali u d-dikjarazzjoni guramentata annessa maghha gew ikkonfermati llum stess minn din il-Qorti. Jirrizulta

ghalhekk illi jekk din il-Qorti tikkonferma wkoll d-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-ittra 354/2015 dan neccessarjament ifisser li r-Registratur intimat ikollu zewg titoli ezekuttivi sabiex jithallas l-istess ammont dovut lilu b'rizultat li jista' jezegwixxi darbtejn fuq l-istess ammont u dan mhux legalment accettabbli. Min-naha l-ohra, is-Socjeta' rikorrenti bil-prezentata tal-ittra ufficcjali 354/2015 tpoggiet f'sitwazzjoni fejn ma kellhiex alternattiva ghajr li tintavola rikors iehor ai termini al-artikolu 466 (2) fit-terminu mpost fl-istess artikolu.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti tilqa' t-talba tas-Socjeta' rikorrenti u tiddikjara t-talba kontenuta fid-dikjarazzjoni guramentata tar-Registratur intimat a fol. 16 tal-process datata l-25 ta' Mejju, 2015 bhala nfondata stante l-konferma tal-validita' tad-dikjarazzjoni precedenti annessa mal-ittra bin-numru 325/2015 datata 15 ta' Mejju, 2015 fuq l-istess mertu minn din l-istess Qorti permezz ta' decizjoni datata llum stess.

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra r-Registratur intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------